MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 544/2008

**GO plc – C22334**

**vs**

**Office Power Company Ltd – C 18594**

**It-Tribunal,**

**Ra** li f'din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob hlas ta' €1,173.93 dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku nru 2125 2446 skond Dok A u B – bl-ispejjes u mghaxijiet.

**Ra** r-RISPOSTA hekk:-

1. Preskrizzjoni kwinkwennali *per* art 2156 (f) tal-Kodici Civli.
2. It-talba hi nfondata ghax l-eccipjenti kienu nfurmaw lis-socjeta' attrici biex tiskonnettja l-linja izda xorta baqghet tohrog kontijiet anke wara li l-linja giet skonnettjata.

**Ra** s-sentenza in parte ta’ dana t-TRIBUNAL fejn l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni giet michuda.

**Ra** li fl-udjenza tad-9 ta’ Jannar 2001 gie mnizzel hekk;-

Il-PL Noel Scerri ghas-socjeta’ attrici jiddikjara illi f’kaz li s-socjeta’ konvenuta tobbliga ruhha fl-atti ta’ din il-kawza li thallas s-sorte fl-ammont pretiz, huwa lest, ghas-socjeta’ attrici illi jaccetta tali hlas u li l-ispejjez u drittijiet tal-istess kawza jibqghu minghajr taxxa; in oltre jirrinunzja ukoll ghal interessi fuq l-istess sorte.

Dr. Henry Antoncich in vista ta’ dan il-verbal, jiddikjara illi s-socjeta’ konvenuta qed tammetti l-ammont ta’ €1,173.93c kif dedott bhala sorte; jaqbel ukoll li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa.

**Ra** li wara diversi differimenti ghac-cessjoni din ma gietx u fl-udjenza tat-22 ta’ Gunju 2011 dehret id-difensur tas-socjeta’ attrici u tablet li l-kawza tibqa ghas-sentenza.

**KONKLUZZJONIJIET**

It-TRIBUNAL wara li ra li l-ftehim milhuq bejn il-kontendenti ma halla xejn barra u baqa in difett ta’ xi ostaklu allura jghaddi biex jiddisponi minn din il-kawza billi (1) jilqa t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-*quantum* ta’ elf, mija, tlieta u sebghin Ewro tlieta u disghin centezmi (€1,173.93c) u dan bla imghaxijiet hlief li jekk il-pagament ma jsirx sa ghaxart ijiem mil-lum jibda jiddekorri mghax mill-hdax-il jum sal-jum tal-pagament effettiv; (2) jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta u (3) l-ispejjes tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------